MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 966/2004

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taggha Lawrence Seychell u l-istess Lawrence Seychell**

**vs**

**Raymond Mallia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u tmenin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm387.47) rapprezentanti hlas ghal hsarat kawzati f-incident awtomobilistiku li gara fix-Xatt tal-Kalkara fid-9 ta' April, 2002, li fiha kienu involuti il-vettura ORS222 propjeta' tal-attur Lawrence Seychell u l-vettura BLE005 misjuqa mill-konvenut u dan stante li l-incident sehh unikament

minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja u ta’ dik kontestwalment mibghuta mal-avviz a tenur tal-Kap 104 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u sebgha u tmenin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm387.47), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------